



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 28 ta' Marzu 2014  
(OR. en)**

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2013/0120 (NLE)**

---

**11250/2/13  
REV 2**

**LIMITE**

**COASI 94  
ASIE 27  
PESC 744  
COHOM 128  
CONOP 75  
COTER 67  
JAI 514  
WTO 142  
AGRI 412  
ENER 330  
TRANS 348  
TELECOM 176  
ENV 618  
EDUC 265**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

**Suġġett:** DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, bl-eċċezzjoni ta' materji relatati mar-riammissjoni

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL Nru .../2014/UE**

**ta'**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas  
dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni  
bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,  
u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra,  
bl-eċċezzjoni ta' materji relatati mar-riammissjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91, 100, 191(4), 207 u 209, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> L-approvazzjoni ngħatat fis-26 ta' Frar 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2009<sup>1\*</sup>, il-Ftehim Qafas dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie ffirmat fid-9 ta' Novembru 2009, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f' data aktar tard.
- (2) Ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim jikkonċernaw ir-riammissjoni, u għalhekk jaqgħu taħt l-ambitu ta' Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat. Deċiżjoni separata<sup>2\*\*</sup> relatata ma' dawk id-dispożizzjonijiet, kif jinsabu fl-Artikolu 34(3) tal-Ftehim, ser tiġi adottata b'mod parallel ma' din id-Deċiżjoni.
- (3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat f' isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ĠU L ...

\* ĠU: daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni li tinsab fid-dokument st 14028/09.

<sup>2</sup> ĠU L ...

\*\* ĠU: daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni li tinsab fid-dokument st 11313/13.

### *Artikolu 1*

Il-Ftehim Qafas dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 34(3) tiegħu, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.<sup>1\*</sup>

### *Artikolu 2*

Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà għandhom jippresjedu l-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 41 tal-Ftehim. L-Unjoni jew, skont il-każ, l-Unjoni u l-Istati Membri, għandha tkun irrappreżentata/għandhom ikunu rrappreżentati fil-Kumitat Konġunt skont is-suġġett.

---

<sup>1</sup> It-test tal-Ftehim ġie ppubblikat fil-ĠU L ... flimkien mad-deċiżjoni dwar il-firma.

\* ĠU: Daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni Ewropea, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 48(1) tal-Ftehim<sup>1</sup>.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

---

<sup>1</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.